# L-Innu tal-Istudenti Universitarji : it-tielet parti

## minn Mro. Manoel Pirotta

Fit-tieni parti ta' dan l-artiklu li deher fl-aħħar ħarġa tal-*BOOKmark* kont laqqajtkom ma' Mro. Carmelo Pace li kiteb il-mużika tal-Innu, kif ukoll dwari peress li tgħallimt għandu. Tkellimna wkoll fuq xi xogħlijiet tiegħu b'rabta mal-Milied. Fit-tielet parti ser nintroduċikom ma' Albert Maria Cassola, l-awtur tal-versi, kif ukoll xi tagħrif b'mod ġenerali fuq l-Innu. Bħas-soltu wkoll, ma tonqosx silta sbejħa mid-Djarju ta' Dun Anton Xiberras (1921-2006), din id-darba fuq l-istaġun tar-Rebbiegħa peress li din il-ħarġa hija ta' Frar-Marzu.

21-03-46: L-EWWEL TAR-REBBIEGĦA: '*Ir-Rebbiegħa kienet dejjem il-għanja l-iktar ħajja tal-poeti. Kollox jerġa' jieħu l-ħajja wara l-qilla tax-xitwa; in-natura tqum: ix-xtieli jarmu u l-għasafar iġennu kullimkien bil-għana tagħhom. Bħalhom il-qalb tal-bniedem. Fir-rebbiegħa tat-tfulitu l-bniedem iħoss il-hena kollu tal-ħajja taqbeż ġo ruħu u bħal għasfur li jgħanni, it-tifel jaqbeż, jiġġiera, jidħak u jgħanni! Ħajja safja w imbierka!!!*' (Id-Djarju: Għadd 11, It-Tlieta, 19 ta' Marzu, 1946, p. 22).



Albert M. Cassola, l-awtur tal-versi tal-Innu tal-Istudenti Universitarji

Albert Maria Cassola (1915-74) twieled il-Belt Valletta. Ħa l-edukazzjoni bikrija minn *St. Joseph High School* u l-Liċeo. Issokta bl-istudji barra minn Malta fl-*Università Degli Studi* (Milan), fl-*Università per Stranieri* (Perugia), u f'*Centro di Coordinazione Internazionale* (Ruma). Segwa wkoll kors fil-filosofija u l-pedagoġija fl-*Accademia* (Turin) u ieħor f'żewġ ilsna ewlenin, Taljan u Ingliż (Londra). Fl-1953 inħatar membru sħiħ tal-*Institute of Linguists* (Londra). Cassola huwa wkoll rebbieħ ta' għadd ta' midalji prestiġjużi u premjijiet inter/nazzjonali fosthom, il-*Medaglia Culturale di Bronzo* mill-Ministru Taljan għall-Affarijiet Barranin (1953), żewġ premji fil-proża Taljana - *Premio Colosseo* (Ruma, 1966), u *Premio degli Immortali d'Italia* (Messina, 1969), u l-famuża insinja ta' *Cavaliere Ufficiale dell-Ordina al Merito della Repubblica Italiana* mill-President Taljan Giuseppe Saragat (1969). F'Malta huwa rebaħ l-*Inez Soler Trophy* għall-aqwa dramm oriġinali bil-Malti f'konkors imniedi mill-*Malta Drama League* (1951), u ngħata premju postumu, il-*Malta Literary Prize*, għar-rumanz oriġinali, It-Tfajla bil-Fjur fuq Sidirha (1976). Għal ħafna snin, kien għalliem tat-Taljan u l-Malti fil-Liċeo tal-Ħamrun. Aktar tard beda jgħallem it-Taljan fl-MCAST u serva bħala Assistent Surmast tas-*Sixth Form*. Kien ukoll *Chief Examiner* fit-Taljan għall-*British Army* f'Malta u fis-Servizz Ċivil. Minbarra drammaturgu, Cassola kien ukoll rumanzier, poeta, xandar, traduttur ta' kitbiet rinomati, kif ukoll l-awtur tal-versi ta' għadd bla qies ta' kanzunetti fosthom, *Mamma*, *Baħar Kaħlani*, *Marija*, *Baby Ġoġo*, *Il-Maltija*, *Iż-Żifna u l-Bewsa*, *L-Imħabba*, *Strada Rjali*, u *L-Għada tal-Festa ma' Vitorin*. Waħda mill-kanzunetti tiegħu kienet saħansitra ntgħażlet biex tirrappreżenta lil Malta fil-*Eurovision Song Contest*. Għal xi żmien, kien ukoll l-editur letterarju ta' *Il-Qawmien*

Il-versi tal-Innu: L-Innu għandu minn poeżija patrijottika u għaldaqstant jagħmel użu mill-kelma sempliċi u popolari. Dan l-istil ta' poeżija kien imfittex l-aktar minn dawk il-poeti, fosthom Cassola stess, li għexu l-kruha tal-Gwerra. Għad li t-ton tal-Innu jinstema' waqtiet militanti żżejjed, il-versi jridu jittieħdu fil-kuntest taż-żmien illi fih inkiteb. Dan l-element, l-aktar li jinħass hu fir-ritornell fejn il-poeta qed isejjaħ lill-istudenti matrikolati bħala 'kamerati' tal-istess xirka li qed jintrabtu bil-wegħda solenni li jiġġieldu biex jaraw lil Malta 'ħielsa u rebbieħa' kif dejjem riedet taraha l-Università sa mit-twaqqif tagħha. Dawn il-versi jfakkruni ħafna fir-ritornell ta' *La Marseillaise* meta l-poeta jgħid hekk: *Aux armes, citoyens*, / *Formez vos bataillons*, / *Marchons, marchons! / Qu' un sang impur / Abreuve nos sillons!* Dan għaliex dan l-innu mhux għajr għanja rivoluzzjonarja, innu favur il-ħelsien, sejħa patrijottika biex jimmobilizza liċ-ċittadini kollha u jinstigahom ħalli jiġġieldu kontra t-tirannija u l-ħakma barranija. Fil-każ tal-Innu ta' Cassola nsibu li l-istudenti huma bħal 'suldati' u għaldaqstant il-poeta jridhom mhux biss li jwiegħdu ħajjithom lil Malta 'fil-ġlieda tal-ħelsien' imma wkoll iwettqu d-dmir qaddis tagħhom billi jħarsu 'lill-Fidi u lill-Pajjiż' mill-għedewwa ta' pajjiżhom. Iżda mhux biss, għax kif ser naraw aktar 'il quddiem, anki s-Surmast Pace ddakkar sew bl-istess mod mill-istess Innu Nazzjonali Franċiż meta ġie biex jimmużika r-ritornell tal-Innu tal-Istudenti Universitarji.

Hawn taħt qed inġib il-versi tal-Innu:

*Warrbulna ħalli ngħaddu*
*Bit-toga fuq spallejna!*
*Bħalissa tħarsux lejna!*
*Bħalissa għaddej il-għerf!*

*La ġġib it-toga sewda*
*Kulħadd iroddlok ġieħ.*
*Ukoll il-moħħ tal-għuda*
*Il-berrettin jgħattih!*

*Hemm qalb taħt din it-toga,*
*Hemm ħsieb ġol-berrettin:*
*L-imħabba li torbotna*
*U żżommna magħqudin.*

Rit.: *Kamerati, matrikolati*
*Il-għelm tar-rebbiegħa!*
*Kamerati, u lkoll suldati,*
*Il-kelma ġa tajnieha*

*Ulied tal-Alma Mater*
*U aħwa fl-Awla Magna;*
*M'hemmx aqwa mill-kukkanja!*
*M'hemmx isbaħ mill-irvell!*

*'Ma kif nisimgħu s-sejħa*
*Inwiegħbu bla dewmien;*
*Ħajjietna nwiegħdu 'l Malta*
*Fil-ġlieda tal-ħelsien!*

*Suldati u Studenti,*
*Imwettqu d-dmir qaddis*
*Li nħarsu mill-għedewwa*
*Lill-Fidi u lill-Pajjiż!*

Koda: *Li ħielsa u rebbieħa*
*Lil Malta sabiħa*
*Dejjem irid jaraha*
*Ġidd l-Università.*

Il-mużika tal-Innu: Aktarx li għall-bidu, l-Innu tal-Istudenti Universitarji kien inkiteb biex jitkanta minn kor fl-unisonu[1] għall-akkumpanjament tal-pjanu. Jidher li dan biss kien mitlub mill-kompożituri meta ssottomettew l-applikazzjoni tagħhom għal dan il-konkors. Xi żmien wara, Mro. Pace kien ħareġ sett ta' partijiet għall-istrumenti tal-korda, x'aktarx wara li sar jaf li l-Innu tiegħu kien il-wieħed rebbieħ. Hawn nixtieq nżid ngħid li min-naħa tiegħi wkoll kont ħriġt il-bqija tal-partijiet biex l-Innu seta' jindaqq mill-orkestra tal-kulleġġ. Hawn taħt qed inġib l-Innu sħiħ ta' Mro. Pace wara li kien ġie litografat. Wieħed jinnota li, għalkemm stampat, xorta waħda jidher f'forma ta' manuskritt kif oriġinarjament ħareġ mill-pinna tal-kompożitur. Il-versi qegħdin ittajpjati fin-naħa ta' fejn hemm għaddejja l-melodija jiġifieri fuq il-pentagramma[3] tal-kjavi tal-vjolin[4].

Safejn kien possibli wkoll, il-kliem tqassam f'sillabi skont il-valur tan-nota. Is-soltu il-kant jieħu pentagramma għalih biex dak li jkun ma jitfixkilx meta jiġi biex ikantah.






Innu bħalma hu dan jinkiteb fi stil aktarx sempliċi, bl-użu ta' armonija tradizzjonali u melodija tal-widna. B'hekk jagħmlu aktar faċli għal min ikun jixtieq ikantah mingħajr il-bżonn li jkun imħarreġ fil-vuċi.

It-tabella t'hawn taħt turi kif inhu mqassam l-Innu. Parti 'A' tinkludi l-introduzzjoni (b. $00^4$ - $04^3$), u l-istrofa magħmula minn tliet kwartini (b. $04^4$ – $28^3$). Parti 'B' tirrappreżenta lir-ritornell (b. $28^4$ - $44^3$ [$45^3$]) li, fih innifsu, jerġa' jinqasam f'żewġ partijiet. Partijiet 'A' u 'B' jiġu replikati[5] qabel mal-Innu jmur għall-koda (b. $45^4$ – $53^3$).

| Parti | | Battuti[6] | Taqsima | |
|---|---|---|---|---|
| A | | $00^4$-$04^3$ | Introduzzjoni | |
| | Strofa | $04^4$-$12^3$ | 1 [4] | |
| | | $12^4$-$20^3$ | 2 [5] | |
| | | $20^4$-$28^3$ | 3 [6] | REPLIKA |
| B | Ritornell | $28^4$-$36^3$ | Parti 1 | |
| | | $36^4$-$44^3$ [$45^3$] | Parti 2 | |
| | | $45^4$-$53^3$ | Koda | |

Jissokta fil-ħarġa tal-*BOOKmark* li jmiss.

[1]Fejn kulħadd ikanta l-istess noti tal-melodija.

[2]F'orkestra, il-familja tal-istrumenti tal-korda hi magħmula minn vjolini, li jitqassmu fi primi u sekondi, vjoli, vjolinċelli u kuntrabaxxi. Jissejħu hekk għax jagħmlu użu minn erba' kordi (jew inkella wtar = plural ta' watar) li jikkurdaw ruħhom skont l-istrument. Normalment, huma jindaqqu permezz tal-ark (ġieli jissejjaħ ukoll arkett, jew qwajjes = diminuttiv ta' qaws), jew billi toqros ħafif il-kordi bis-swaba tal-id il-leminija, dak li aħna nsejħulu pizzikar.

[3]Jew vers ta' ħames rigi għall-kitba tal-mużika.

[4]Din tissejjaħ ukoll il-kjavi tas-'Sol' peress li titqiegħed fuq it-tieni linja. Tissajjaħ ukoll 'tal-vjolin' peress li sservi ta' kjavi għal dan l-istrument tal-korda. Il-kjavi hija importanti għax biha jiġi ffissat l-isem tan-noti.

[5]Din tikkonsisti f'sinjali apposta li jservu biex tirrepeti numru ta' battuti li jkunu magħluqin fuq kull naħa tagħhom. Utli ħafna biex tiffranka milli toqgħod tikteb l-istess passaġġ għal darbtejn, liema passaġġ jista' jkun fih ħafna noti.

[6]It-taqsim ta' biċċa mużika f'biċċiet qsar tal-istess valur jew għaqda ta' noti jew pawsi li jitqassmu fi kwantità ugwali ta' valur. Battuta tinfired minn oħra permezz ta' stangetta (*barline*).